## Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 11 ta' April, 2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Eugenio Zarb**
(K.I. Nru 0144759M)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat Eugenio Zarb ta' erbgħa u sittin (64) sena, iben Francis u Maria Dolores neè Mallia, imwieled Birkirkara nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u disgħa u ħamsin(1959), u residenti ġewwa Sunrise CRT, FL 4 Marija, Triq Raddet ir-Roti, San Pawl il-Baħar, Malta u detentur tal-karta' tal-Karta tal-Identità Maltija bin-numru 0144759M u f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkużat talli nhar id-dsatax (19) ta' Diċembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għal ħabta ta' bejn is-sebgħa (19:00) ta' filgħaxija u d-disgħa (21:00) ta' bil-lejl ġewwa 105, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, iżda bil-ħsieb li jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew saħħa ta' persuna oħra u ċioè' ta' Larson Pisani, liema offiża għandha tiġi kkunsidrata bħala gravi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' tali delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u independenti mill-volontà tiegħu;

2. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, filwaqt li kien beda l-eżekuzzjoni ta' delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u independenti mill-volontà tiegħu kontra l-persuna ta' Larson Pisani, kellu fil-pussess tiegħu arma regolari;

3. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ikkawża lil ħaddieħor biża' li se tintuża l-vjolenza kontrih u ċioè' lil Larson Pisani;

4. U kif ukoll talli żamm f'xi fond u kellu fil-pussess tiegħu kif ukoll ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu arma tan-nar, jew munizzjon elenkat fl-Iskeda II mingħajr liċenzja taħt l-Att Dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qort kienet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà' ta' Larson Pisani billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà' tal-persuna offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tal-21 ta’ Diċembru 2023 l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta’ din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa’ lura minnha.

Rat illi fis-seduta tal-21 ta’ Diċembru 2023 il-Qorti ordnat li jsir *pre-sentencing report* fil-konfront tal-akkużat Eugenio Zarb, u dan fuq talba tiegħu stess;

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta mill-provi prodotti jirriżulta li dakinhar tal-inċident, l-akkużat u martu, it-tifla tagħha u l-partner tagħha Larson Pisani kienu qegħdin fir-residenza tat-tifla u ta’ Larson Pisani. Jidher li Pisani ilu ma jkellem lill-akkużat għal numru ta’ snin u din is-sitwazzjoni kienet qed tweġġa ħafna lill-akkużat. F’ħin minnhom, waqt li l-akkużat kien bilqiegħda qal xi kliem ta’ theddid lil Larson Pisani u ftit mumenti wara ħareġ pistola minn ġol basket tiegħu. F’ebda ħin ma xejjirha fid-direzzjoni ta’ Larson Pisani iżda l-parte ċivile allarma ruħu meta ra l-arma. Ftit tal-mumenti wara l-arma ħaditha l-partner ta’ Pisani u l-parte ċivile ċempel lill-pulizija. Sadanittant, l-akkużat laħaq telaq minn fuq il-post u waqt li kien miexi lejn il-karozza tiegħu, il-pulizija waqfuħ u arrestawħ.

Ikkonsidrat;

Illi mir-rapport *pre-sentencing* jirriżulta illi l-akkużat huwa raġel li jħobb ħafna l-familja u l-fatt li l-partner tat-tifla ta' martu ma kiex qed ikellmu kienet ittiħ wisq ġewwa. Qal li għamel dak li għamel purament sabiex ibeżża’ lil Larson Pisani biex jgħidlu r-raġuni għalfejn ma kienx qed ikellmu. Huwa fl-ebda mument ma ried li

jweġġgħu jew jisparalu. Il-passat tal-akkużat kien wieħed diffiċli ħafna minħabba li kienu numru kbir ta' aħwa u flus ma tantx kellhom. Fil-ħajja tiegħu għadda wkoll minn esperjenzi xejn sbieħ li ħallew impatt negattiv fuqu u filfatt għamel żmien kien anke rrikorra lejn l-alkoħol. Jidher però li s-sitwazzjoni llum irranġat ħafna.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti semgħet illi dan kien inċident ta' darba u kien sforz il-fatt li l-parte ċivile ma kienx qed ikellmu. Jirriżulta li l-akkużat huwa raġel li jħobb il-familja iżda din id-darba ħalla l-frustrazzjoni tiegħu tegħelbu. Il-Qorti tagħmilha ċara li taħt ebda ċirkostanza persuna m'għandha tirrikorri għat-thedid, aktar u aktar theddid b'arma tan-nar. Id-djalogu huwa importanti u jekk persuna ma tkunx trid tiddjaloga, apparti li tkun qed taggrava s-sitwazzjoni, huwa d-dmir tal-persuna l-oħra li tieħu paċenzja u taċċetta s-sitwazzjoni kif tkun.

Il-Qorti tħoss li għalkemm il-piena trid tkun waħda severa, piena ta' karċerazzjoni effettiva m'hijiex idonea għal dan il-każ. Fl-ewwel lok, l-akkużat ammetta l-involviment tiegħu quddiem din il-Qorti u l-Fedina Penali tiegħu hija waħda relattivament nadifa, b'inċident wieħed li seħħ aktar minn 24 sena ilu.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 41, 214, 216, 217, 251A(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Eugenio Zarb** **ħati** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannaħ għal sentejn (2) priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum.

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Illi ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-armi li ġew elevati mill-pulizija u preżentati in atti;

Illi inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati Eugenio Zarb sabiex jingħata t-trattament meħtieġ taħt it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.

In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel ordni ta' trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' Larson Pisani għall-perjodu ta' sena (1) li għandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment

Illi finalment il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li f'dan il-każ ma kien hemm ebda ħtieġa ta' ħatra ta' esperti.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-Ordni ta' Trattament mogħti kontestwalment jintbagħatu lid-Direttur Servizzi Probation and Parole;

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-Ordni ta' Trażżin mogħti kontestwalment jintbagħatu lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**